


Fl-ahhar gimghat wiehed seta' jinnota diversi vetturi u vannijiet b'kuluri u bi grafika li tispikka, ghaddejjin minn bosta toroq madwar il-pajjiz kollu. Uhud kbar…ohrajn izghar fid-daqs. Izda kollha ghandhom xi haga komuni: huma karozzi silenzjuzi peress li jahdmu totalment bl-elettriku. Fuq kollox, huma vetturi ambjentali hekk kif ma jniggsux l-arja peress li ma jaharqu l-ebda tip ta' fjuwil. Dawn il-vetturi tal-ghamla Renault u Mitsubishi gew impurtati mill-Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura u jiffurmaw parti mill-progett Demo EV (Demonstration of the Feasibility of Electric Vehicles towards Climate Change Mitigation) kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea u li pajjizna prezentament qed jippartecipa fih.

Matul ix-xahrejn li ghaddew kelli x-xorti li nkun mal-ewwel tim ta' voluntiera li hadna sehem b'mod dirett f'dan il-progett fejn inghatajna l-opportunità li nsuqu vettura elettrika ghal ghaxar gimghat shah. Dan kien possibbli wara sejha ghal voluntiera li kienet inharget lejn nofs Lulju tal-2012, u li l-konkorrenza ghaliha kienet wahda sodisfacenti hafna.

**Renault Fluence ZE**

Fis-27 ta' Novembru 2013, il-progett seta' jibda jinhass aktar qalb in-nies hekk kif, bhala l-ewwel tim ta' voluntiera, gejna msejha biex niehdu l-vettura u nibdew din l-esperjenza gdida ta' sewqan madwar il-Gzejjer Maltin. Il-karozza li giet assenjata lili kienet tal-ghamla Renault Fluence ZE, karozza relattivament kbira, spazjuza u li toffri kumdità enormi.

Ta’ min isemmi li l-kumpanija Franciza Renault immodifikat il-mudell ezistenti tal-Fluence, fejn estendietu b’madwar 13-il centimetru sabiex tkun tista’ talloka parti mill-bagoll (luggage boot) ghall-batterija kbira li taghti s-sahha kollha lill-vettura fis-sewqan. Il-kumpanija hadmet ukoll fuq strategija biex, filwaqt li zzomm l-identità tal-mudell, tidentifika b’mod car il-kuncett ta’ vettura elettrika. Kien ghalhekk li inkludiet l-ittri ZE (ghal zero emissions) f’diversi partijiet differenti, fosthom fuq parti mid-dashboard, fl-instrumentation panel kif ukoll mal-bagoll.

Jekk wiehed jaghti harsa hafifa lejn din il-vettura jsib li din m’ghandha pjuttost xejn differenti minn wahda normali. Hija mghammra b’hafna accessorji li wiehed normalment sar ifittex f’karozza moderna, fosthom power steering, electric windows, electric mirrors, ABS, parking sensors, rain sensor wipers, remote controlled central locking, CD tuner, radio controls mal-isteering, sistema ta’ bluetooth, seats u steering wheel tal-gilda u arja kundizzjonata bil-climate control. Hawnhekk ta’ min jinnota li dal-mudell sahansitra huwa mghammar b’facilità ta’ automatic timer li jippermetti l-arja kundizzjonata li tixghel wahedha minn qabel biex is-sewwieq isib il-kabina mkessha bil-lest waqt li l-vettura tkun ghadha mqabbda mad-dawl!

Il-Fluence hija mghammra wkoll bl-aktar teknologija avvanzata fosthom sistema ta’ navigazzjoni, facilità ta’ cruise control ghal sewqan fit-tul, traction control u speed limiter, li normalment wiehed irid jordnahom apparti. Il-gearbox hija wahda awtomatika li tippermetti s-sewwieq jaghzel bejn Drive (D), Netural (N), Reverse (R) u Park (P). Minkejja li l-vettura taghmel uzu minn cavetta normali biex jissakkru l-bibien kif ukoll biex tinxteghel, l-unika indikazzjoni li wiehed ikollu li l-vettura ‘startjat’ u li hija lesta biex tinstaq hija bozza hadra bil-kelma GO li tixghel mal-mument li s-sewwieq idawwar ic-cavetta fl-ignition. F’dak il-hin ikun fadal biss li s-sewwieq jaghfas il-pedala tal-brake, inizzel il-handbrake, imexxi l-gear lever ’l isfel minn fuq P ghal fuq D, u jaghfas l-accelerator!

## Performance fit-triq

L-ewwel reazzjoni naturali ta’ kull min rikeb mieghi tul dawn l-ghaxar gimghat kienet dejjem pjuttost ta’ staghgib, mhux biss minhabba l-mod silenzjuz li bih topera l-vettura, izda wkoll ghall-velocità immedjata li karozza elettrika (dan il-mudell b’mod partikolari) kapaci ttella’ fi ftit sekondi. Insemmi fost l-ohrajn vjagg li ghamilt lejn Ghawdex fi zmien il-Milied, fejn minkejja li konna erba’ passiggieri, il-Fluence kienet kapaci bizzejjed li toffri dik ir-rikba komda, rilassanti, u fl-istess hin pjacevoli hekk kif zammet performance tajba f’dik li hija gibda (torque) specjalment fit-tlajja’.

Fattur iehor li jiddistingwi vettura elettrika minn wahda normali fejn jidhol sewqan huwa l-fatt li malli s-sewwieq inehhi saqajh minn fuq il-pedala tal-accelerator, il-vettura tidhol f'sistema ta' engine brake u tibda tnaqqas il-velocità wahedha. Dan huwa meqjus bhala vantagg ghall-passiggieri hekk kif jigu evitati skossi zejda tul il-vjagg. Peress li l-ahhar xahrejn kienu kkaratterizzati minn ammont sostanzjali ta' xita, ma naqasx ukoll li nara l-mod kif din il-vettura tirreagixxi fl-ilma. Nista' nikkonferma kif din baqghet tahdem totalment b'mod normali, anke meta ghaddejt minn postijiet fejn il-livell tal-ilma ma kienx daqshekk baxx. Dan ixejjen kwalunkwe dubju jew biza' li wiehed jista' jkollu fuq l-uzu ta' vetturi elettrici fix-xita.

## Charging tal-vettura

Kienu hafna wkoll dawk li staghgbu meta jsiru jafu li karozza elettrika bhal din tista' facilment ticcargjaha mill-kumdità ta' darek jew minn go garaxx. Ir-Renault Fluence ZE tigi mghammra b'charging cable mqabbad ma' transformer bi plakka normali 3-pin kompatibbli mal-plakek uzati f'pajjizna (importanti li ma jigix utilizzat xi tip ta' extension). Barra minn hekk, ghandha wkoll charging cable kompatibbli mac-charging pillars li fl-ahhar xhur bdew jitwahhlu f'bosta lokalitajiet f'Malta u Ghawdex u li minnhom ghalissa se jkun hawn mal-100 wahda. Sew dan il-mudell kif ukoll vetturi ohra elettrici huma mghammra b'sistema ta' sigurtà fejn malli wiehed iqabbad il-cable u jsakkar il-karozza, dan ma jkunx jista' jinqala' minn postu sakemm il-vettura ma tergax tinfetah.

## Distanzi u konsum ta' elettriku

Punt krucjali f'dan l-ezercizzju ta' sewqan kien il-gbir ta' informazzjoni bazika minghand kull voluntier dwar id-distanzi li dan ikun qed jaghmel, il-postijiet li fihom ikun waqaf, il-hinijiet li fihom ikun saq, kif ukoll indikazzjoni dwar jekk kinitx uzata s-sistema tal-arja kundizzjonata. Dan peress li l-A/C jikkonsma aktar sahha mill-batterija u ghaldaqstant ghandu effett dirett fuq il-performance tal-vettura. Minkejja li f'certu hinijiet dan hassejtu bhala ezercizzju kemxejn tedjanti, il-fatt li tkun qed izomm dan it-tip ta' statistika, tippermettilek li wara l-ewwel gimaghtejn tibda taghmel kalkoli inizjali dwar il-vijabbiltà (jew le) ta' vettura elettrika. Dettalji dwar il-performance medja li rnexxieli nikseb bil-vettura fuq medda ta' 10 gimghat jinsabu fit-tabella t'hawn taht:

## Vijabbiltà tal-vettura

Matul din l-esperjenza ta' sewqan, kienet haga mill-aktar komuni li nsib nies li waqqfuni biex isiru jafu aktar fuq dan it-tip ta' vetturi. Min sempliciment biex jissodisfa l-kurzità ghax ikun ra l-hafna grafika fuq il-karozza u mal-ewwel jintebah li din hija karozza elettrika, u min ghax verament jinteressah isir jaf aktar dwar x'toffri vettura bhal din, u fuq kollox il-vijabbiltà taghha. Mistoqsijiet tipici li kelli kienu fuq kemm tkopri distanza, kemm tiswa karozza bhal din, u jekk ghal finijiet finanzjarji kienx verament vijabbli li taqleb minn fjuwil konvenzjonali (petrol jew dizil) ghall-elettriku. Abbazi tal-kalkoli li pprezentajt hawn fuq, wiehed jista' jaghmel din l-istima inizjali:

Meta qabbilt kemm kont nonfoq f'dizil kull xahar u kemm infaqt f'elettriku ghall-istess perijodu, facilment stajt naghmel dan il-paragun li gej, fejn huwa evidenti li l-ispiza rnexxieli nnaqqasha prattikament bin-nofs:

Spiza medja fuq dizil kull xahar: €80

Spiza medja fuq elettriku kull xahar: €42

Tajjeb jinghad li ghalkemm dawn huma kalkoli approssimattivi, fl-istess hin huma indikattivi peress li huma mifruxa fuq medda ta' 10 gimghat. Wiehed irid jiftakar ukoll li d-distanza li l-vettura kapaci tkopri bl-ammont kollu ta' charge jiddependi wkoll mit-tip ta' sewqan u t-tip ta' batterija. Ghal min bhali installa sistema ta' pannelli fotovoltajci, l-ammont ta' flus li wiehed se jiffranka huma bil-wisq akbar peress li jkun qed jiggenera l-elettriku hu stess.

## Vantaggi u zvantaggi

Apparti l-fatt li dawn ma jniggsux l-arja u huma totalment silenzjuzi, vetturi elettrici jirrikjedu service maintenance ferm anqas minn vetturi normali (darba kull tliet snin) peress li la ghandek ghalfejn tibdel zjut u lanqas filters. Fl-istess hin ghandek spiza ferm anqas fuq hlas ta' licenzja tat-triq (€10 biss fis-sena), filwaqt li fil-prezent il-Gvern qed jaghti sa massimu ta' €5000 bhala incentiv ghal min jithajjar jaqleb ghal vettura elettrika.

Ghal min forsi qed jahseb li ma sibtx xi haga x'nikkritika fil-vettura sejjer zmerc! Meta mqabbel ma' vetturi ohra tal-istess qies, il-mudell li soqt jien kellu bagoll bi spazju anqas ghat-taghbija peress li parti sostanzjali huwa mehud mill-batterija. Fejn jidhol zvilupp ta' teknologija, b'mod partikolari l-kapacità tal-batterija, il-vettura ghadha limitata biex tkopri distanzi fit-tul li jaqbzu

l-130 kilometru, aktar u aktar meta s-sistema ta’ charging pillars f’pajjizna ghadha ma bdietx tahdem.

Infatti, dan in-nuqqas ma ppermettiex lilna l-voluntiera li nutilizzaw xi wiehed minnhom (li kapaci jiccargja l-batterija f’ferm anqas hin minhabba l-kurrent gholi li jista’ jipprovdi) u kellna niddependu totalment mill-elettriku mid-dar. F’dan ir-rigward ta’ min isemmi li, malli s-sistema tibda tithaddem, ghandhom isiru parkeggi rizervati ghall-vetturi elettrici biswit kull charging pillar. Id-dettalji dwar il-mod ta’ kif dawn se jithaddmu ghandhom jithabbru mill-Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura aktar ’il quddiem.

Sadanittant, fil-granet li gejjin, il-programm On D Road ipprezentat minn Pierre Borg u li jixxandar fuq ONE se jkun qed jaghti prominenza lil dan il-progett permezz ta’ servizz b’filmati u informazzjoni dwar il-mudell Renault Fluence ZE u l-esperjenza li kelli tul dawn l-ahhar 10 gimghat.

Wara din l-esperjenza, komplejt nikkonferma kemm fic-cokon ta’ pajjiz bhal Malta, fejn id-distanzi li ghandna huma relattivament qosra, vetturi bhal dawn huma ideali ghal min ghandu garaxx jew parkegg vicin id-dar. Li jonqos biss huwa l-infrastruttura necessarja, rohs sostanzjali fil-prezz ta’ dawn il-vetturi, u fuq kollox bidla fil-mentalità tal-poplu taghna!

Ghall-ahhar aggornamenti dwar il-progett tal-vetturi elettrici, wiehed jista’ jaccessa s-sit elettroniku www.electricvehiclesmalta.eu kif ukoll il-pagna ta’ Facebook Electromobility Malta.